ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT30/24/DS

Anthony Casha

Vs

Carmelo Farrugia – Melfar Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta Frar, 2024 fejn talab l-ammont ta' ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sitta u disgħin ċentezmu (€569.96) rigwardanti kont għal tiswijiet ta' *chair lift* pero' waqt ix-xhieda tiegħu jgħid illi huwa attwalment ma jridx illi jħallas il-kont fl-istess ammont għaliex iħoss illi kull darba li ġew isewwu apparti l-aħħar darba, ma kienu fil-fatt sewwew xejn ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-5 ta' April 2024 fejn qalet illi t-talbiet rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-istess data daħħlet kontro-talba għall-ammont ta' ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sitta u disgħin ċentezmu (€569.96), spejjeż u nteressi għall-ħlas ta' tiswijiet fuq ic-chairlift illi ma ġewx imħallsa;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Talba

Illi mit-talbiet u mill-provi jirriżulta illi l-attur qiegħed jitlob riżarċiment ta' ħlas illi attwalment huwa mitlub minnu *stante* illi s-soċjeta' intimta provdiet servizz li tiegħu qiegħed jintalab il-ħlas ta' ta' ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sitta u disgħin ċentezmu (€569.96) u mhux viċe-versa.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha għaliex minbarra li kienu għaddew is-sentejn garanzija u l-ħsara ma kienetx għaldaqstant koperta bl-imsemmija garanzija, kienet propju hi illi kienet ħarġet il-kont u ma setgħetx tiġi mitluba tħallas kont maħruġ minnha.

Stante illi dan it-Tribunal ma jħossx illi din it-talba setgħet tiġi postulata kif fil-fatt ġiet minħabba illi l-attur mhux dovut ħlas iżda viċi-versa, mhux ser jikkunsidra l-mertu aktar fil-profond għaliex jidher *a colpo d'occhio* illi t-talba tal-attur m'hijiex ġustifikata fil-liġi u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Kontro-talba

Illi mill-atti jirriżulta li s-soċjeta konvenuta għamlet kontro-talba l-attur għall-ammont ta' ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sitta u disgħin ċentezmu (€569.96), spejjeż u nteressi għall-ħlas ta' tiswijiet fuq l-istess chairlift illi ma ġewx imħallsa;

Illi s-soċjeta' rikonvenjanti tgħid illi l-ewwel darba illi kien ċempel l-attur rikonvenut kien fl-4 ta' Ottubru, 2022. Fis-7 ta' Ottubur, 2022 saru tiswijiet fil-workshop u l-lift reggħa twaħħal u kien qiegħed jaħdem. Fl-14 ta' Ottubru, 2022 reggħa kien hemm problemi u reggħa ttieħed il-workshop u fis-17 ta' Ottubru, 2022 nstab illi kien hemm fault fil-connector u nbidel fit-18 ta' Ottubru, 2022.

Illi rigwardanti l-ħlas is-soċjeta' rikonvenjanti spjegat is-segwenti:

> *"Mistoqsi mit-Tribunal l-ammont ta' €114.28 u €5.71 VAT x'kienu jirrappreżentaw jiena ngħid illi dak kien il-ħlas taż-żewġ batteries illi nbiddlu fl-4 ta' Ottubru. Jiena nixtieq nipreċiża illi l-ammont ta' €428.54 u €21.43 VAT huwa ħlas illi jiġi ikkalkultat skont il-ħlsijiet fis-siegħa tat-tekniċi tagħna. Dan il-ħlas huwa ta' €35 fis-siegħa għal kull persuna eskluż il-VAT.*
>
> *Meta mistoqsi mit-Tribunal bie niċċara stante illi fil-works report hemm imniżżel li dan il-ħlas huwa per visit up to the first half hour u mhux per person, jiena ngħid illi huwa hekk*

mingħalieh li kien intiż. Ngħid ukoll illi l-minimum charge huwa €35 u dik hija imniżżla.

Fuq talba tat-Tribunal niċċara illi wieħed ikun jaf kemm -il persuna marru fuq il-post għaliex ikun hemm isimhom imniżżel fil-linja intitolata work carried out by.

Nixtieq ngħid ukoll illi fil-ħin jittieħed in konsiderazzjoni biex jinħadem il-preżż, indaħħlu wkoll il-ħin illi wieħed ikun dam biex jasal illi fil-works report jitniżżel taħt "travelling" u mhux neċessarjament dejjem jitilqu mill-istess post."

Ikkunsidra ulterjorment

Illi l-ħsara m'hemm l-ebda prova illi seħħet qabel l-egħluq tas-sentejn u għaldaqstant mhux koperta bil-garanzija legali.

Mill-provi jirriżulta illi t-tiswijiet saru b'mod illi ma jagħtix lil dan it-Tribunal x'jifhem illi kien hemm xi nuqqas da parti tas-soċjeta' rikonvenjanti.

Illi t-Tribunal għaldaqstant ser jgħaddi sabiex janalizza l-kont mibgħut lill-attur rikonvenut. Rigwardanti l-batteriji m'hemmx x'jingħad għaliex dawn huma l-prezzijiet tagħhom pero' dwar il-ħlas tas-servizz it-Tribunal jinnota ili għalkemm is-soċjeta' tgħid illi "... [il-]*ħlas illi jiġi ikkalkultat skont il-ħlsijiet fis-siegħa tat-tekniċi tagħna. Dan il-ħlas huwa ta' €35 fis-siegħa għal kull persuna eskluż il-VAT.*" Meta wieħed iħares lejn il-minimum *charge up to the first half hour* m'huwiex imniżżel per person iżda *per site visit* illi jagħti wieħed x'jifhem illi għall-ewwel nofs siegħa wieħed iħallas biss €35 irrispettivament kemm ikun hemm nies jagħtu s-servizz. Rigwardanti prezz massimu m'hemmx imnizzel w'għaldaqstant wieħed irid jara l'ftehim x'kien biex jara jekk kienx hemm ħlas żejjed fuq dak pattwit, informazzjoni illi ma ngħatatx lil dan it-Tribunal. Għaldaqstant fuq dan il-punt it-Tribunal huwa sprovvist mill-provi u mhux f'pużizzjoni illi jikkummenta oltre.

Illi t-Tribunal, pero', jħoss illi l-ħlas għal '*travelling*' m'huwiex ħlas ġustifikat għaliex huwa ħlas addizzjonali indipendenti assolutament mill-klijent, u m'għandux ikun illi l-klijent iħallas għal biex wieħed jasal fuq il-post irrispettivament minn kemm hemm tul biex jasal, jekk jinqabadx fit-traffiku etc... Għaldaqstant dan it-tribunal ser jirriduċi l-ammont ekwivalenti għal sagħtejn u nofs '*travelling expenses*' bir-rata ta' €35 fis-siegħa u cioe' €87.50 + €18.75 VAT għat-total ta' €103.25 mill-kont sabiex issir ġustiżżja mal-attur rikonvenut.

Deċiżjoni

Talba

Għaldaqstant, fir-rigward it-talba, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Kontro-Talba

Għaldaqstant, fir-rigward il-kontro-talba, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi s-soċjeta' rikonvenjenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi parzjalment milqugħa billi mill-istess talba għandhom jitnaqqsu l-ammont ta' €103.25 għal *travelling expenses* mhux ġustifikati, biex b'hekk l-ammont dovut mill-attur rikonvenut lis-soċjeta' rikonvenjenti ikun dak ta' erba' mija sitta u sittin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€466.71). It-Tribunal iħoss illi m'għandux jiddekorri imgħax fuq din is-somma sal-lum pero' għandu jiddekorri imgħax mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat sal-ġurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur rikonvenut.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru